MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 926/2003

**HSBC Home Loans (Malta ) Limited**

**Vs**

**Joseph u Natasha Dorothy konjugi Vassallo**

## Il-Qorti.

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont kumplessiv ta' ghaxart elef disa' u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm10,069.90), rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta' Lm8957.25 kapital misluf lilek permezz ta' loan account No. 16006290, u in kwantu ghall-ammont ta' Lm1,112.65 imghaxijiet bankarji akkumulati fuq l-imsemmi kapital mid-data tas-self imsemmi sat-28 ta' Frar,2002, u dan oltre l-imghaxijiet legali mit-28 ta' Frar, 2002 sal-effettiv pagament

(statement tal-loan account hawn anness u mmarkat Dok AD1);

Premess illi, avolja interpellati biex ihallsu dan l-ammont, l-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsu xejn;

Premess illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress li d-dejn huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta’ attrici l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu ghat-talba ta’ l-istess socjeta’ attrici;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din il-Qorti biex, dispensat is-smiegh tal-kawza skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 167 et. seq tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) tal-Ligijiet ta’ Malta, u in vista ta’ l-affidavit guramentat hawn anness u mmarkat bhala Dok AD2;

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;

2. Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta’ attrici fl-ammont kumplessiv ta’ ghaxart elef disa’ u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm10,069.90), rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ Lm8957.25 kapital misluf lilek permezz tal-loan account No. 16006290, u in kwantu ghall-ammont ta’ Lm1,112.65 imghaxijiet bankarji akkumulati fuq l-imsemmi kapital mid-data tas-self imsemmi sat-28 ta’ Frar, 2002, u dan oltre l-imghaxijiet legali mit-28 ta’ Frar, 2002 sal-effettiv pagament;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma kumplessiva ta’ ghaxart elef disa’ u sittin lira Maltin u disghin centezmu (Lm10,069.90), rapprezentanti in kwantu ghall-ammont ta’ Lm8957.25 kapital misluf lilek permezz tal-loan account No.16006290, u in kwantu ghall-ammont ta’ Lm1,112.65 imghaxijiet bankarji akkumulati fuq l-imsemmi kapital mid-data tas-self imsemmi sat-28 ta’ Frar, 2002, u dan oltre l-imghaxijiet legali mit-28 ta’ Frar, 2002 sal-effettiv pagament;

Bl-imghax inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta’ Gunju, 2002, u bl-interessi legali kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------